



Brussell, 18 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12537/23

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0291 (NLE)

---

FISC 176  
ECOFIN 845

### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2018/485 fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex id-Danimarka tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

---

## **DEĊIŻJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2018/485  
fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex id-Danimarka  
tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE  
dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/485<sup>1</sup>, id-Danimarka ġiet awtorizzata tapplika miżura speċjalisti li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE biex tapplika skema b'rata fissa għall-użu privat ta' vetturi kummerċiali b'piż totali awtorizzat ta' mhux aktar minn tliet tunnellati li jkunu ġew irreġistrati biss għan-negozju (“il-miżura speċjalisti”). Il-miżura speċjalisti se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2023.
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-21 ta' Marzu 2023, id-Danimarka talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura speċjalisti lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023.
- (3) Skont l-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu,) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni ttrażmettiet it-talba mressqa mid-Danimarka lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittri li jgħibu d-dat tat-3 u tal-4 ta' Mejju 2023. Permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-5 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni nnotifikat lid-Danimarka li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis dik it-talba.
- (4) Jekk din il-miżura speċjalisti tibqa' tkun applikata, il-persuni taxxabbli li jkunu rreġistraw vettura għan-negozju biss, ikunu jistgħu jużaw dik il-vettura għal finijiet privati, u jkunu jistgħu jikkalkulaw l-ammont taxxabbli tal-provvista preżunta ta' servizzi skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE abbażi ta' rata fissa ta' kuljum, mingħajr ma jitilfu d-dritt tagħhom li jnaqqsu t-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) imħalla fuq il-kost tax-xiri ta' dik il-vettura.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/485 tad-19 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika miżura speċjalisti li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 81, 23.3.2018, p. 13).

- (5) Madankollu, jenħtieġ li dak il-metodu ta' kalkolu ssimplifikat skont il-miżura speċjali jkun limitat għal 20 jum ta' użu għal finijiet privati għal kull sena kalendarja.
- (6) Skont l-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka fit-talba tagħha, is-sitwazzjoni fattwali li tiġi justifika l-applikazzjoni tal-miżura speċjali ma nbidlitx. Flimkien mat-talba tagħha, id-Danimarka ppreżentat rapport lill-Kummissjoni li jirrieżamina l-ammont b'rata fissa li għandu jitħallas kuljum għall-użu privat ta' vettura rreġistrata biss għan-negozju. F'dak ir-rapport, id-Danimarka ssostni li l-ammont ta' VAT impost kuljum jibqa' DKK 40.
- (7) Id-Danimarka tissottometti li l-miżura speċjali ġadmet tajjeb ħafna f'dawn l-aħħar snin u sar użu minnha minn għadd dejjem akbar ta' persuni taxxabbli. Id-Danimarka ssostni wkoll li l-miżura speċjali għandha l-għan li tissimplifika l-obbligi tal-VAT tal-persuni taxxabbli li okkażjonālment jagħmlu użu privat minn vettura li kienet irreġistrata biss għan-negozju,, u b'hekk tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT. Madankollu, jibqa' possibbli li persuna taxxabbli tagħżel li tirreġistra vettura kummerċjali ħafifa għall-użu kemm għal finijiet ta' negozju kif ukoll għal dawk privati. Meta tagħmel hekk, il-persuna taxxabbli titlef id-dritt li tnaqqas il-VAT imħalla fuq il-kost tax-xiri tal-vettura iż-żda ma jkollhiex l-obbligu li tħallas imposta ta' kuljum għal kwalunkwe użu għal finijiet privati.
- (8) L-awtorizzazzjoni tal-miżura speċjali ma ċċaħħadx lil persuni taxxabbli mid-dritt li jnaqqsu bis-sħiħ il-VAT tal-input fuq vettura rreġistrata biss għan-negozju li tintuża okkażjonālment għal użu privat u hija konsistenti mar-regoli ġenerali dwar it-tnejjix kif stabbiliti fid-Direttiva 2006/112/KE.

- (9) Għalhekk jixraq li l-applikazzjoni tal-miżura speċjali tiġi estiża. Dik l-estensjoni jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien biex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa l-effettività u l-adegwatezza tal-miżura speċjali. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-miżura speċjali tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.
- (10) Fil-każ li d-Danimarka titlob estensjoni oħra tal-miżura speċjali lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026, jenħtieġ li tippreżenta rapport lill-Kummissjoni flimkien mat-talba għal estensjoni tagħha sal-31 ta' Marzu 2026.
- (11) Skont l-informazzjoni mogħtija mid-Danimarka, il-miżura speċjali ser ikollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa li tiġib id-Danimarka fl-istadju tal-konsum finali u mhu ser ikollha l-ebda effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni dovuti mill-VAT.
- (12) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2018/485 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2018/485, it-tieni u t-tielet paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2026.

Kwalunkwe talba għall-estensjoni tal-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2026 u għandha tiġi akkumpanjata b'rapport li jinkludi rieżami tal-miżura.”.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fī ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*